



Brussell, 26 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14189/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0217(COD)

CODEC 1512
AGRI 570
AGRIFIN 142
AGRISTR 79
AGRILEG 249
AGRIORG 134
EMPL 522
SOC 697
CADREFIN 454

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018².
3. Il-Qorti tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha fil-25 ta' Ottubru 2018³.
4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Diċembru 2018⁴.

¹ 9634/18.

² ĠU C 62, 15.2.2019, p. 214.

³ ĠU C 41, 1.2.2019, p. 1.

⁴ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 173.

5. Fit-23 ta' Novembru 2021, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.
6. Għalhekk, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 65/21⁶, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;
 - japprova d-dikjarazzjoni mill-Kunsill, li tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota;
 - japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, li tinsab fl-Addendum 2 għal din in-nota;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addenda 1 u 2 għal din in-nota jiġu ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni u d-dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni li jinsabu fl-Addendum 4 għal din in-nota jiġu ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew li tinsab fl-Addendum 5 għal din in-nota, li għandha tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addenda 1, 2, 3 u 4 għal din in-nota.

⁵ 14176/21.

⁶ Disponibbli fit-30.11.2021.

8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
